## MANIKOMJU

*Ftaħt fuq id-dinja r-Radju, biex b'widnejja,*
*Nitkixxef tal-ġnus fl-art il-ħsebijiet,*
*W in-nisġa tal-fehmiet f'moħħom għaddejja,*
*F'dit-taqliba ta' qilla u ta' qerdiet.*

*Fuq il-ħġieġa bid-dawl, sammart għajnejja,*
*U ġrejt 'il fuq u 'l isfel ma' l-ibliet;*
*U smajt ilħna mħawdin u kliem ta' nkejja*
*Ta' tmaqdir u theddid, ta' ħjiena u ġlied.*

*Donnhom tilfu l-bnedmin it-trieq tas-sewwa*
*W id-dawl tad-dehen u tal-ħajja t-tmun*
*U waqgħu imjassrin f'kull qerq ta' dnewwa.*

*Quddiem ir-Radju jgħajjat bħal miġnun,*
*Sthajjiltni quddiem bieb ta' sptar bla qies:*
*Id-dinja l-Manikomju, l-morda n-nies...!*

*20 ta' Diċembru, 1943.* P. Ġ. DELIA, S.J.